Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8468/25
COR 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0095 (NLE)

JAI 522
COPEN 103
EPPO 6
GAF 10

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939<br>- Adozzjoni |

F'paġna 1 ta' ST 8468/2, il-punt 1 għandu jaqra kif ġej:

"1. Skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/**1939**, il-bord tal-għażla tal-UPPE għandu jinkludi 12-il persuna magħżula minn fost eks membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, eks membri nazzjonali tal-Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Il-membri tal-bord tal-għażla attwali tal-UPPE nħatru bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023[1]. Membru wieħed tal-bord tal-għażla ġie sostitwit f'Ġunju 2024 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777[2]."

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 (ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90-91, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/133/oj)

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777 tal-20 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla (ĠU L, 2024/1777, 24.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1777/oj).

Fil-paġna 2, il-punt 4 għandu jaqra kif ġej:

"4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-**Deċiżjoni** msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8467/25."